MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 420/2007

**Talba Nru: 420/07PBC**

**HSBC Bank Malta plc (C 3177)**

**Vs**

**Mario Mallia I.D. No. 447358(M) u**
**Jacqueline Mallia I.D. No. 12870(M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-Bank attur talab il-hlas tas-somma ta' erba' mija u tmienja u sittin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm468.50c) rapprezentanti in kwantu ghal erba' mitt lira Maltin u sebgha u disghin centezmu

(Lm400.97c) bilanc ikkawtelat b'sensiela ta' kambjali bin-numri 48 sa 60 u in kwantu ghal sebgha u sittin lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm67.53c) interessi fuq il-bilanc dovut sat-12 ta' Lulju, 2005.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-Bank attur u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-Bank attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' erba' mija u tmienja u sittin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm468.50c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------